

Kwittanza 2008: l-Impriża Konġunta SESAR (SJU)

1. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 2010 dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2008 (C7-0262/2009 – 2009/2188(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2008,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2008, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Kongunta¹,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2010 (5829/2010 – C7-0060/2010),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE, u l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej², u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR)³, u b'mod partikolari l-Artikolu 4b tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0077/2010),
1. Jagħti l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta SESAR għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2008;
 2. Jippreżenta l-kummenti tiegħu fir-risoluzzjoni t' hawn taħt;

¹ ĠU C 310, 18.12.2009, p. 9.

² ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

³ ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1.

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-Deċiżjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni li hi parti integrali minnha, lid-direttur tal-Impriża Konġunta SESAR, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

¹ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

2. Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 2010 dwar l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2008 (C7-0262/2009 – 2009/2188(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2008,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2008, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Kongunta¹,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2010 (5829/2010 – C7-0060/2010),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE, u l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej², u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR)³, u b'mod partikolari l-Artikolu 4b tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0077/2010),
1. Japprova l-għeluq tal-kontijiet tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2008;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lid-Direttur Eżekuttiv tal-Impriża Konġunta SESAR, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Awdituri, u biex jiżgura li tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (serje L).

¹ ĠU C 310, 18.12.2009, p. 9.

² ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

³ ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1.

⁴ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

3. Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Mejju 2010 li tinkludi l-osservazzjonijiet li jagħmlu parti integrali mid-Deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2008 (C7-0262/2009 – 2009/2188(DEC))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-kontijiet annwali definittivi tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja 2008,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta SESAR għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2008, flimkien mat-tweġibiet tal-Impriża Kongunta¹,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2010 (5829/2010 – C7-0060/2010),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 276 tat-Trattat KE, u l-Artikolu 319 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej², u b'mod partikolari l-Artikolu 185 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR)³, u b'mod partikolari l-Artikolu 4b tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tal-Impriża Konġunta SESAR adottat mill-Bord Amministrattiv SESAR fit-3 ta' Lulju 2007 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "Regolament Finanzjarju SESAR"),
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2343/2002 tad-19 ta' Novembru 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 185 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 94 tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 77 u l-Anness VI tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0077/2010),

¹ ĠU C 310, 18.12.09, p. 9.

² ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

³ ĠU L 64, 2.3.2007, p. 1.

⁴ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 72.

- A. billi l-Qorti tal-Awdituri indikat li kisbet assigurazzjoni raġonevoli li l-kontijiet annwali għas-sena finanzjarja 2008 huma affidabbli, u li t-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati huma legali u regolari,
 - B. billi l-Impriża Konġunta SESAR twaqqfet fi Frar 2007 bil-għan li tħaddem il-programm SESAR (Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku fl-Ajru Uniku Ewropew),
 - C. billi l-Impriża Konġunta tinsab fil-fażi tagħha ta' tnedija u kienet għadha ma stabbilixxietx bis-sħiħ il-kontrolli interni tagħha u s-sistemi tagħha ta' informazzjoni finanzjarja sa tmiem l-2008,
 - D. billi l-Impriża Konġunta hija s-sid tal-assi kollha tanġibbli u mhux tanġibbli maħluqa minnha jew li jiġu trasferiti lilha għall-fażi ta' żvilupp tal-proġett SESAR, b'konformità mal-ftehim speċifiku milħuq mal-membri tagħha,
1. Jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-Qorti tal-Awdituri sabet li l-kontijiet tas-SESAR għall-2008 huma affidabbli u t-tranżazzjonijiet sottostanti, jekk jitqiesu komplessivament, huma legali u regolari;
 2. Jinnota li l-Impriża Konġunta rċeviet EUR 250 miljun f'approprjazzjonijiet għall-impenji u EUR 100 900 000 f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet mill-baġit tal-Unjoni Ewropea għall-2008;
 3. Jirrikonoxxi li l-2007-2008 kien il-perjodu tat-tnedija għall-Impriża Konġunta, li r-Regolament il-ġdid tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008¹, li jimmodifika l-att bażiku tal-Impriża Konġunta, kien adottat biss fis-16 ta' Diċembru 2008, u li kien hemm dewmien fil-ħlas tal-kontribuzzjoni inizjali tal-Eurocontrol;

In-nuqqas ta' osservanza tal-prinċipju baġitarju ta' annwalità

4. Jinnota li f'April 2008 il-Bord Amministrattiv tal-Impriża Konġunta adotta l-baġit finali li jkopri l-perjodu Awwissu 2007 – Diċembru 2008, u li dik id-deċiżjoni ma kinitx taqbel mal-prinċipju tal-annwalità;

L-implimentazzjoni tal-baġit

5. Jinnota li l-baġit definittiv adottat mill-Bord Amministrattiv tal-Impriża Konġunta f'April 2008 rriżulta għal kollox mhux realistiku, kif jidher mill-approprijazzjonijiet tal-impenji u tal-ħlasijiet b'rati ta' 1% u 17% rispettivament;
6. Jiddispjaċih li, f'numru ta' każi, il-kontrolli tat-tranżazzjonijiet ma sarux kif suppost u li ma kinux stabbiliti kontrolli interni adegwati għall-kuntratti u l-akkwisti;

Ir-rikonoxximent tal-assi

7. Jesprimi t-tħassib tiegħu li, f'kontrast mar-rati ta' użu baxxi ħafna, l-Impriża Konġunta kellha somom konsiderevoli f'depożiti f'kontijiet bankarji fl-aħħar tas-sena, bi ksur tal-prinċipju ta' ekwilibriju baġitarju;
8. Jirrakkomanda espressament li l-Impriża Konġunta tifformula politika tal-kontabilità fir-

¹ ĠU L 352, 31.12.2008, p. 12.

rigward ta' kwalunkwe assi ġenerati matul il-fażi ta' żvilupp tal-proġett;

Ir-Regolament Finanzjarju SESAR

9. Jilqa' b' sodisfazzjoni l-intenzjoni tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-fatt li xtaqet tippreżenta opinjoni dwar ir-Regolament Finanzjarju, adottat mill-Bord Amministrattiv SESAR f'Lulju 2007; jišhaq fuq l-importanza ta' dak ir-regolament li jkun konformi mar-Regolament Finanzjarju ta' qafas għall-korpi Komunitarji, u huwa tal-istess opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri li d-dispożizzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit u l-preżentazzjoni tal-kontijiet, għal proċeduri ta' akkwist pubbliku u għall-funzjoni tal-verifika interna għandhom bżonn jiġu kompluti; jinnota, barra minn hekk, li l-Impriża Konġunta għandha tadotta l-modalitajiet implimentattivi tar-Regolament Finanzjarju tagħha;

Ir-rapport annwali dwar l-attività

10. Jirrakkomanda b'mod espress lill-Impriża Konġunta biex tosserva l-iskadenzi miftiehma mal-Qorti tal-Awdituri għall-preżentazzjoni tar-rapport annwali dwar l-attività tagħha;

Sistemi ta' verifika interna

11. Jinnota li servizz ta' verifika interna konformi mal-istandards internazzjonali applikabbli ma kienx ġie stabbilit qabel Jannar 2009; jitlob ukoll lill-Impriża Konġunta biex bl-akbar urġenza tistabbilixxi sistemi xierqa ta' kontroll intern fil-kuntest tal-akkwist tal-kuntratti pubbliċi; jenfasizza, b'mod partikolari, l-importanza li jiġi stabbilit pjan ta' rkupru f'każ ta' diżastri, u li tiġi definita politika ta' protezzjoni tad-data;
12. Jinnota li fis-sena finanzjarja 2008 l-Impriża Konġunta rrapportat dħul mill-interessi ta' EUR 148 370; jikkonkludi li mir-rendikonti finanzjarji u mil-livell tal-pagamenti tal-interessi l-Impriża Konġunta għandha livell tar-riżervi ta' flus kontanti permanentement għoli; jinnota li sal-31 ta' Diċembru 2008 l-ammont tar-riżervi ta' flus kontanti tal-Impriża Konġunta kien ta' EUR 116 007569; jitlob lill-Kummissjoni biex teżamina modi biex tassigura li l-Impriża Konġunta timplimenta bi sħiħ il-prinċipju ta' ġestjoni ta' kontanti abbażi tal-ħtiġijiet, u x'tibdil irid isir fl-istrateġija sabiex ir-riżervi ta' flus kontanti tal-Impriża Konġunta jinżammu permanentement baxxi kemm jista' jkun;
13. Jinnota, barra minn hekk, li l-Bord Amministrattiv naqas li jistabbilixxi organigramma tal-persunal għall-2008.